**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Audrey Schembri**

**Kawza: Distrett**

**Illum 16 ta' Jannar, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Audrey Schembri** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 94388 (M) billi hija akkuzata talli nhar l-10 ta' Dicembru 2013 u nhar id-9 ta' Jannar 2014, gewwa l-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, senjatament quddiem il-Perit Legali Dottor Ramona Frendo, tat xhieda falza f'materja civili.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika esperssament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hatja sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun kif stipulat f'Art. 109 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Atrikoli ndikati;

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-kwerelant u l-imputata Audrey Schembri, li miżżewġa kienet iġġib il-kunjom Spiteri, kienu miżżewġin;

Bejn l-kwerelant u l-imputata Audrey Schembri kien hemm u għad hemm għaddejjin proċeduri ċivili ta' separazzjoni personali. Dawn il-proċeduri għandhom iċ-Ċitazzjoni bin-numru: 166/2004/RGM fl-ismijiet: **Audrey Spiteri pro et noe v. Anton Spiteri**;

Dawn il-proceduri prezentament huma limitati ghal kura u kustodja ta' uliedhom minuri, stante illi z-zwieg taghhom gie debitatament annulat permezz tad-decizjoni tat-Tribunal Eklezjastiku;

Il-provi f'dik il-kawża qegħdin jinstemgħu mill-Perit Legali l-Avukat Dottor Ramona Frendo li permezz tal-verbal tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 10 ta' Dicembru 2015 li limitat l-inkarigu taghha ghal dak li jespetta l-kura u kustodja u access tal-minuri Matthew u Antoine (verbal immarkat DOK AS1;

Il-kwerelant isostni li f'żewġ seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali li kienet qegħda tisma' x-xhieda u tiġbor il-provi fl-imsemmija kawża, l-imputata Audrey Schembri, b'mod partikolari

nhar l-10 ta' Diċembru, 2013 u nhar id-9 ta' Jannar, 2014, ġewwa l-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta, Triq ir-Repubblika, il-Belt, Valletta, tat xhieda falza.

F'dan ir-rigward, l-kwerelant ippreżenta kwerela datata nhar il-5 ta' Frar, 2014 lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn spjega f'ċertu dettall fhiex tikkonsisti din ix-xhieda falza u ressaq provi, prinċiparjament konsistenti f'"recording" ta' l-imputat Audrey Schembri fejn hija tinstema' tgħid xi ħaġa li fix-xhieda mogħtija minnha fiż-żewġ seduti hawn fuq imsemmija ċaħdet kategorikament li qalet.

Il-kwerelant isostni li Audrey Schembri waqt ix-xhieda tagħha mogħtija waqt iż-żewġ seduti hawn fuq imsemmija, mistoqsija direttament jekk fil-perjodu li kienet toqgħod "Dar Merħba Bik" kenitx tgħid lill-kwerelant li jekk iħassar il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni iffirmat bejniethom qabel iż-żwieġ kenitx tirritorna lura fid-dar matrimonjali hija ċaħdet kategorikament. L-kwerelant kellu "recording" ta' konversazzjoni li saret bejnu u bejn l-istess Audrey Schembri ġewwa l-imsemmija "Dar Merħba Bik" fejn hija tinstema' tgħid proprju dak li ġie suġġerit lilha waqt ix-xhieda tagħha fiż-żewġ seduti hawn fuq imsemmija u li hija kienet ċaħdet li qalet. Il-kwerelant ikkonfronta lill-Audrey Schembri bl-istess "recording" billi eżebih fil-proċeduri ċivili u hija stess ikkonfermatu waqt waħda mis-seduti miżmuma mill-Perit Legali hawn fuq imsemmija u dan nhar id-9 ta' Jannar, 2014;

Il-kwerelant mal-kwerela annetta kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn Audrey Schembri fiż-żewġ seduti kif ukoll is-"cd" kontenenti r-"recording" tal-konversazzjoni u traskrizzjoni ta' l-istess konversazzjoni;

Madanakollu, il-Kummissarju tal-Pulizija iddeċieda li ma jiħux passi għaliex il-proċeduri ċivili bejn l-kwerelanta u Audrey Schembri kienu għadhom pendenti;

Il-kwerelant s'intendi ma qabilx ma' din id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija għaliex huwa kien tal-fehma li r-reat in kwistjoni jiġi kommess appena tingħata xhieda falza fi proċeduri ċivili u skont hu ma hemm xejn – la fil-liġi u lanqas fil-prattika – li jwaqqaf li jittieħdu proċeduri kriminali f'każ tant ċar u dan anke in vista tal-fatt illi l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentament minn xulxin;

Il-kwerelant ippreżenta rikors ta' sfida liema rikors ġie miċħud b'deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 ta' Marzu, 2015;

Fid-decizjoni taghha fil-kaz fl-ismijiet **Anton Spiteri vs Kummissarju tal-Pulizija** l-Qorti qalet: *"din il-Qorti, a differenza tal-Qorti Civili, ma tistax taghmel l-ahjar analizi dwar jekk dak l-episodju, wahdieni jew mhux, kif jinkwadra ruhu fl-assjem u fil-kuntest kollu tal-provi migbura quddiem dik il-Qorti. Dan peress li meta silta jew siltiet jittiehdu barra mill-kuntest globali rifless fil-provi kollha prodotti u*

*migbura jistghu jwaslu ghal konkluzzjonijiet mhux korretti – anke f'dan l-istadju dak li huwa mistenni minn din il-Qorti huwa biss apprezzament fuq livell prima facie"*;

Il-kwerelant kien appella minn tali deċiżjoni mogħtija mill-Qorti nhar is-16 ta' Marzu, 2015 quddiem l-Qorti Kriminali illi b'sentenza mogħtija nhar it-13 ta' Ġunju, 2017 laqgħet l-appell ta' l-kwerelant, ħassret u irrevokat is-sentenza appellata u laqgħet it-talba ta' l-kwerelant fis-sens illi ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jibda proċeduri kontra l-imputata Audrey Schembri kif mitlub mill-kwerelant;

Kien għalhekk illi nbdew il-proċeduri odjerni;

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tal-ispergur u dana a tenur tal-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-Kodici Kriminali taghna nsibu ukoll Artikolu 108. Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi hija cara. Filwaqt illi l-ewwel wiehed jikkontempla ir-reat hekk imsejjah *judicial jew legal perjury*, it-tieni wiehed jitkellem dwar 'l hekk imsejjah *extra-judicial perjury*. Ghalhekk l-ewwel reat ipotizzat huwa ir-reat tal-gurament falz li jittiehed fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. L-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li huwa distint minn dak li jsehh fil-kawzi kriminali. Id-distinzjoni bejniethom hija biss ghal dak li jirrigwarda il-piena u dana peress illi l-elementi li jsawru r-

reat tal-ispergur huma identici ghaz-zewg istanzi. X'inhuma ghalhekk l-elementi legali li huma necessarji sabiex tista' tinstab htija ghal dana ir-reat.

**L-artikolu 106 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Din l-imputazzjoni tinkwadra ruħha taħt l-artikolu 106(1) u 106(3) li jgħid hekk:

> *106. (1) Kull min jagħti xhieda falza f'materja ċivili, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*
>
> *(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu għal kull persuna li, bħala parti f'kawża ċivili, taħlef il-falz.*
>
> *(3) Kull min jagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f'Malta, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1).*

Illi l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz. Illi m'hemmx dubju illi f'dina l-kawza lill-imputat qed jigi addebitat lilu r-reat li huwa inkwadrat fis-subinciz wiehed ta' dana l-artikolu tal-ligi.

Dana r-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u ricentement meta bl-Att III

tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura tal-affidavit li issa saret parti mil-ligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-dispozizzjoni tal-ligi. Jispjega:

> "*Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero.*"

Fuq l-istess vena jghid l-Antolisei:

> "*L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bizogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. …. Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza.*"[1]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra

[1] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury* cioe':

"(i) *a testimony given in a cause*.

(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.

(iii) *Falsity of such testimony in a material particular*.

(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*."

Dwar l-ewwel element m'hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-dispozizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skont il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo ighid:

"*It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision*.

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe' x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skont il-ligi minn awtorita kompetenti ghaldaqstant. Kif jghidu l-

awturi fosthom il-Manzini dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe' " *l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza*."[2]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghall-kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita' trid tkun tirreferi ghall-**<u>fatt materjali u determinanti ghall- ezitu tal-kawza</u>**. Il-Mamo jghid: "*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*." Ikompli jikkwota dak li jghid il-Maino: "*Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute* ***<u>siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa</u>***." (sottolinjar tal-Qorti).

L-istess jghid l-Antolisei:

> "*Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato comesso abbia la*

[2] Capitolo XIX Delitti Contro l'amministrazione della giustizia.

*possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono* ***<u>non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria</u>****."* (sottolinjar tal-Qorti). [3]

Ghalhekk kwalunkwe xhieda li m'ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista' tkun inveritjiera ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur. Ikompli il-Mamo: *"All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court."*

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew 'l hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo:

*"The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some*

[3] Ibid.

*advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted."*

L-istess jghid l-Antolisei:

> *"Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica."*

Il-Maino ukoll isostni:

> *"L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e* ***la coscienza di mentire*** *o* ***di nascondere la verita****. … Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze."*[4]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat bilfors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita'. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikkrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan?

[4] Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia.

*Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[5]

F'Decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** ***vs*** **Charles Bianco**[6] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm deskrepanzi fix-xhieda:

Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkoreġux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali

[5] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[6] Appell Kriminali Numru. 115/2006

u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

## Il-PROVI

Il-provi imressqa mill-prosekuzzjoni jikkonsistu fix-xhieda ta' l-uffiċjal prosekutur l-Ispettur James Grech illi waqt l-istess xhieda ippreżenta l-kwerela li kien irċieva f'isem il-kwerelant flimkien mad-dokumenti annessi magħha senjatament traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' l-imputata mogħtija quddiem il-Perit Legali l-Avukat Ramona Frendo nhar l-10 ta' Diċembru, 2013 u nhar id-9 ta' Jannar, 2014 fl-atti taċ-Ċitazzjoni bin-numru: 166/2004/RGM fl-ismijiet: **Audrey Spiteri pro et noe v. Anton Spiteri**, traskrizzjoni ta' "recording" ta' konversazzjoni bejn l-kwerelant u l-imputata ġewwa Dar Merħba Bik ta' nhar is-17 ta' Diċembru, 2003 u "cd" kontenenti r-"recording" ta' l-istess konversazzjoni, l-istqarrija ta' l-imputata, is-sentenza mogħtija nhar is-16 ta' Marzu, 2015 u s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar it-13 ta' Ġunju, 2017.

Din il-Qorti ħatret lill-Avukat Lennox Vella sabiex jagħmel traskrizzjoni tas-"cd" liema inkarigu ġie espletat u t-traskrizzjoni relattiva ġiet ippreżentata u ikkonfermata bil-ġurament. Xehed ukoll l-kwerelant;

L-imputata Audrey Schembri ghazlet li tezercita d-dritt li ghandha li ma tixhidx u lanqas ressqet provi.

Dwar ir-*recording* ipprezentat f'dawn l-atti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal l-Imhallef Joseph Galea Debono meta kien qieghed jippresjedi l-Qorti Kriminali u jiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet

preliminari fil-kaz Ir-**Repubblika ta' Malta vs David sive David-Norbert Schembri**[7] fil-31 ta' Mejju 2007:

> *"Illi ghalkemm mit-test citat mil-akkuzat mehud mill-ktieb Cross+ Taper On Evidence ma jirrizultax li tali recording hu minnu nnifsu illegali jew inamissibbli, pero' jista' jitqies li jkun inammissibbli fejn ikun gie ottjenut illegalment (**R. v. Senat , R. v. Sin** (1968)52 Cr App Rep 282) jew bi ksur ta' public policy. (**R. v. Migliorini** (1981) 38 ALR 356) ; Dan ma jirrizultax f' dan il-kaz.*
>
> *Pero' hemm awtorita' li tghid li f'guri, il-parti li tkun trid tipproduci recording jew film trid tissodisfa lill-Imhallef togat li hemm prima facie case li dak ir-recording ikun awtentiku u li jkun jista' jitfiehem bizzejjed biex jitpogga quddiem il-gurati. Il-provi ikunu jridu juru w jiddeskrivu l- provenjenza w l-istorja tar-recording sal-mument li jkun gie esebit il-Qorti. (**R.v. Robinson and Harris**; [1972]All ER 699, [1972]1 WLR651 u **Butera v DPP** (1987) 164 CLR 180. p.184)."*

Illi din Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Tonio Xuereb, Jezebel Xuereb u Ryan Hili** fis-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2016 fejn dahlet fid-dettal dwar l-elementi li jsawru r-reati li bihom tinsab mixlija l-imputata.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, m'hemmx dubju li l-elementi rikjesti mil-Liġi sabiex l-imputata tistà tinstab ħatja tal-akkużi dedotti fil-konfront taghha ma jirriżultawx.

[7] Att. T'Akkuza 1/2006

Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatti li rrizultaw f'dan il-process li l-imputata qatt u fl-ebda mument ma riedet toskura xi verità jew inkella li taħbi b'xi mod dak li kienet qeghda tixhed dwaru.

Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq estratt ta' konversazzjoni li gie pprezentat barra mill-kuntest li fih saret l-konversazzjoni, liema recording ttiehed minghajr il-kunsens taghha.

Din il-Qorti ssostni li ghandha tkun il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li ghandha tikkunsidra mill-provi mressqa quddiemha, procedure li ilhom ghaddejjin ghal dawn l-ahhar 14-il sena, sabiex tqis liema verzjoni temmen.

Illi għalhekk in vista li ma jeżistux l-elementi neċessarji skont il-Liġi sabiex tinstab ħtija fl-imputata għall-akkużi miġjuba fil-konfront taghha l-imputata se tiġi liberata mill-akkużi miġjuba fil-konfront taghha.

**Il-Qorti fl-ahharnett tirrimarka li f'Malta jidher li diehla drawwa li l-aktar kienet komuni fil-Qrati f'Ghawdex li meta xhud jiddeponi f'kawza u jkun hemm xi deskrepanzi f'din ix-xiehda mill-ewwel isir rapport lill-pulizija biex jittiehdu passi kriminali kontra l-individwu. Dan huwa abbuz serju hafna. Il-Pulizija ghandha tara tassew hemmx lok li jittiehdu passi dwar xiehda falza u mhux taqbad u tressaq lil dak li jkun u imbaghad thalli lill-Qorti tiddeciedi u dan b'telf ta' hin prezzjuz ghall-Qorti u spejjez zejda ghall-persuni involuti. F'dan il-kaz ghamlet sewwa l-opulizija li meta dahlitilhom il-kwerela ma ttiehdux passi kontra l-imputata u dawn il-proceduri inbdew biss wara decizjoni**

**tal-Qorti tal-Appell wara li anke l-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta ma laqghetx l-isfida li saret mill-kwerelant.**

**Din il-Qorti mhix se tkun parti f'dawn il-piki stupidi u skandaluzi fejn persuni jippretendi li jiddettaw huma dak li ghandu jsir u jintqal f'dawn il-Qrati. Ghandhom piz kbir il-gudikanti, l-pulizija u l-avukati biex ma jhallux li dawn il-Qrati jispiccaw il-fora biex ikabbru l-piki bejn il-partijiet u jippremjaw lil min jaghzel il-litigazzjoni fil-Qrati ghal kull haga trivjali li tinqala' flok jintuza is-sens komun u l-kelma t-tajba biex isolvi problemi li jinqalghu.**

**DECIDE:**

Ghaldaqstant minn dawn ir-rizultanzi processwali, l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputata ma jirrizultawx ippruvati u ghalhekk l-imputata qed tigi liberata mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**